MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 1313/1998/1

**Carmel Enriquez**

**vs**

**(1) Suzanne Enriquez**

**(2) Dr. Lennart Depasquale u PL Jean Pierre Busuttil li b'digriet tat-13 ta' Lulju 1998 gew nominati bhala kurati deputati nominati sabiex jirrappresentaw lit-tifel minuri Darren iben l-imsemmija Suzanne Enriquez**

**(3) Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:

Illi huwa u l-konvenuta Suzanne Enriquez kienu zzewgu fl-1 ta' Settembru 1989 pero' dan iz-zwieg taghhom kien gie annullat permezz ta' sentenza moghtija minn din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet "Carmel Enriquez versus Suzanne Cachia sal-lum maghrufa bhala mart l-istess Carmel Enriquez" (Dok A) moghtija fit-28 ta' Gunju 1994 liema sentenza saret definittiva (Dok B);

Illi l-attur ilu s-snin ma jara lill-konvenuta Suzanne Enriquez billi huma kienu infirdu ftit wara li zzewgu;

Illi ftit granet ilu l-attur sar jaf li fit-28 ta' Lulju 1997 il-konvenuta Suzanne Enriquez weldet tarbija li nghatat l-isem ta' Darren kif jidher mill-anness certifikat tat-twelid li jgib in-numru progressiv 3750 ta' l-1997 market Dokument C;

Illi f'dan ic-certifikat l-attur gie indikat bhala missier l-imsemmi tifel allavolja hu ilu ma jkollu relazzjoni mal-konvenuta Suzanne Enriquez sa minn ftit wara z-zwieg tieghu maghha u l-istess zwieg tieghu maghha gie annullat kif fuq inghad fl-1994 u t-tqala in mertu li kellha l-konvenuta Suzanne Enriquez giet celata minnha lill-attur li sar jaf bit-twelid ta' l-imsemmija tarbija proprju ftit granet ilu minghand missieru;

Illi l-attur mhuwiex il-missier ta' l-imsemmi tarbija;

Ghalhekk l-attur talab li l-konvenuta tghid ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, m' ghandux minn din il-Qorti: -

1. jigi ddikjarat u deciz li t-tarbija li jisimha Darren li twieldet fis-28 ta' Lulju 1997 kif jidher mill-annes certifikat tat-twelid taghha mhijiex it-tifel ta' l-attur;

2. jigi ordnat il-korrezzjoni ta' l-att tat-twelid imsemmi bin-numru progessiv 3750 ta' l-1997 billi kull riferenza ghall-attur bhala missier l-imsemmija tarbija tigi mhassra u senjatament jigu mhassra – (a) il-kliem kollha li hemm fl-istess certifikat taht il-kolonna taghrif dwar missier it-tarbija u (b) il-kliem “Wife of the said Carmel Enriquez” li hemm fil-kolonna “Taghrif dwar l-omm isem u kunjom” u dan oltre korrezzjonijiet, zidiet, sostituzzjonijiet u modifiki ohra li jista' jkun hemm bzonn fic-citat att tat-twelid;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li gew ngunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku fejn gie eccepit:-

1. Illi huwa mhux edott mill-fatti allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi migjuba salv li jkunu l-ahjar u soddisfacenti skond il-ligi;

2. Illi huwa m' gahndux ibati spejjez;

Rat id-dikjarazzjoni tal-imsemmi konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota tal-ecezzjonijiet tal-konvenuti Dottor Lennart Depasquale u l-Prokuratur Legali Jean Pierre Busuttil bhala kuraturi deputati nominati sabiex jirrapresentaw lill-minuri Darren iben l-imsemmija Suzanne Enriquez fejn gie eccepit li huma mhumiex edotti mill-fatti tal-kawza;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti Dottor Lennart Depasquale u l-Prokuratur Legali Jean Pierre Busuttil nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;.

Rat li l-konvenuta Suzanne Enriquez naqset li tippresenta l-eccezzjonijiet taghha u ghalhekk l-istess konvenuta ghandha titqies li hi kontumaci ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi;

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta’ Gunju 2000 minn fejn jirrizulta li l-konvenuta ddikjarat u kkonfermat bil-gurament li binha Daren mhux bin l-attur izda bin Twanny Galea li mieghu ilha tghix ghal dawn l-ahhar hdax (11) il-sena;

Rat id-digriet ta din il-Qorti kif presjeduta tal-15 ta’ Gunju 2000 li bih gie nominat it-Tabib Dottor Josie Muscat bhala espert mediku u dana sabiex jaghmel it-testijiet kollha necessarji inkluz it-test tad-DNA ghal fini li tigi eskluza l-paternita’ tal-attur ghar-rigward tat-tifel Darren Enriquez u dana bil-fakoltajiet kollha soliti;

Rat ir-rapport tal-imsemmi espert mediku debitament konfermat bil-gurament fil-kors tas-seduta tal-5 ta’ Mejju 2005 u l-atti l-ohra relattivi ghal din il-perizja;

Rat l-affidavits tal-attur u ta’ missier l-attur;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

Fic-citazzjoni l-attur jippremetti li hu kien izzewweg lill-konvenuta Suzanne Enriquez fl-1 ta’ Settembru 1989. Dan iz-zwieg kien gie annullat permezz ta’ sentenza tal-Qorti kompetenti tat-28 ta’ Gunju 1994. Jippremetti inoltre li huwa kien infired minn ma martu ftit taz-zmien wara z-zwieg. Illi sussegwentement huwa sar jaf li fit-28 ta’ Lulju 1997 l-imsemmija konvenuta Suzanne Enriquez weldet tarbija li nghatat l-isem ta’ Darren. Fic-certifikat tat-twelid

relattiv l-attur hu indikat bhala il-missier nonostante li l-istess attur kien ilu zmien twil ma jkollu relazzjoni mal-konvenuta u nonostante li z-zwieg taghhom kien gie annulat;

L-attur jiddikjara li huwa mhux il-missier ta' l-imsemmi tarbija. Ghalhekk l-attur qed jitlob li jigi ddikjarat li l-imsemmija tarbija mhux it-tifel ta' l-attur u li l-att tat-twelid relattiv jigi korrett billi kull riferenza ghall-attur bhala missier l-imsemmija tarbija tigi mhassra oltre korrezzjonijiet, zidiet, sostituzzjonijiet u modifiki ohra li jista' jkunu necessarji fl-istess att tat-twelid;

L-abbli espert mediku, wara li saru l-esamijiet kollha necessarji, kkonkluda li r-rizultati miksuba jeskludu li l-attur huwa il-missier biologiku tal-imsemmi tifel Darren;

Il-konvenuta stess iddikjarat u kkonfermat bil-gurament illi l-minuri in kwestjoni mhux bin l-attur;

F'dawn ic-cirkostanzi t-talbiet tal-attur ghandhom jiogu akkolti;

Ghal dawn il-motivi :

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet tal-attur u tiddikjara li t-tarbija li jisimha Darren li twieldet fis-28 ta' Lulju 1997 mhijiex it-tifel ta' l-attur u konsegwentement tordna l-korrezzjoni ta' l-att tat-twelid relattiv bin-numru progessiv 3750 ta' l-1997 billi kull riferenza ghall-attur bhala missier l-imsemmija tarbija tigi mhassra u senjatament jigu mhassra il-kliem kollha li hemm fl-istess certifikat taht il-kolonna taghrif dwar missier it-tarbija u jigu sostitwiti mill-kliem "missier mhux mgharuf" u jigu ukoll mhassra il-kliem "Wife of the said Carmel Enriquez" li hemm fil-kolonna "Taghrif dwar l-omm isem u kunjom";

In vista tac-cirkostanmzi partikolari tal-kaz l-ispejjez jibqghu kollha bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------